

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság  
(l-Ungjerija) fis-6 ta' Marzu 2019 — TN vs Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal**

**(Kawża C-210/19)**

(2019/C 182/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: TN

Konvenut: Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> (imsejħa d-“Direttiva Proċeduri”) — fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem — jistgħu jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru jista’ jiggħarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv anki fil-każ fejn jippermetti lill-qratni mhux li jirriformaw id-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-proċedura ta’ ażil, iżda biss li jannullaw dawn id-deċiżjonijiet u li jobbligaw lill-awtorità amministrattiva twettaq proċedura ġidra?
- 2) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (imsejħa d-“Direttiva Proċeduri”) — fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem — jistgħu jiġu interpretati fis-sens li l-leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru hija konformi ma’ dawn id-dispożizzjonijiet meta tipprovd iċċall-proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ażil terminu imperativ u uniformi ta’ 60 jum fit-tot, irrisspettivament minn kull ċirkustanza individwali u mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifikazzjonijiet tal-kawża u d-diffikultajiet possibbi fir-rigward tal-prova?

---

<sup>(1)</sup> Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fit-12 ta’ Marzu 2019 — XR vs  
Conseil de l’ordre des avocats au barreau de Paris, Bâtonnier de l’ordre des avocats au barreau de Paris,  
Procureur général près la cour d’appel de Paris**

**(Kawża C-218/19)**

(2019/C 182/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation